

# *Meta Nħaraq 'Ta-Cini'*

Alfred Mizzi

Fit 2 ta'April tal-2008, l-imħażen ta' Francis Busuttil & Sons Ltd, magħrufa bħala ta' Bandallu li kienu jinsabu f' Misraħ Santa Venera, kienu ħadu n-nar li dam sejjer għal aktar min ħames sigħat. Dan kien meqjus bħala wieħed mill-akbar nirien li qatt saru, iżda naħseb li ma kienx l-akbar wieħed għall-anqas ġewwa Santa Venera.

Kien is-Sibt, 20 ta' Awissu, 1966, eżattament tnejn u ħamsin sena ilu meta ġewwa Santa Venera ġriet l-aħbar li kien qiegħed jaqbad "l-istitut ta'Cini".

In-nies kienu qegħdin jirreferu għall-Istitut Adelaida Cini li kien qegħed fi Triq San Ġużepp, Santa Venera fejn illum hemm il-flats. Fil-fatt ma kienx qiegħed jaqbad l-Istitut ta' Cini, li allura kien biss ftit 'il-bogħod 'l isfel, imma kienu ħadu n-nar l-imħazen li kienu biswit u taħt l-Istitut li kien fihom kwantita` ta' kotba u merkanzija relatata tad-ditta *A.C. Aquilina* tal-Belt kif ukoll kwantita` ta' kaxxi tal-bottijiet tal-*Ovaltine.*

In-nar kien ġie nnutat għal xi sebgħa ta' filgħaxija. Hu mifhum li n-nar kien beda f' maħżen li kien hemm biswit kmamar tal-Istitut tas-sorijiet, li dak iż-żmien kienu mikrija bħala skola tal-Gvern. Minħabba ż-żiffa li kienet għaddejja dak inhar, in-nar malajr infirex, u sal-għada l-Hadd filgħodu disa' 'fire engines' kien għadhom hemm jitfu n-nirien li minn ħin għall-ieħor kienu jergħu jitħeġġu.

Hekk kif kien ingħata l-alarm tal-ħruq 'fire engines' tal-pulizija kienu fuq il-post, iżda mill-ewwel deher li n-nar kien se jkun wieħed kbir ħafna u ikkontrolabbli. Għalhekk kien intbgħat messaġġ lid-Dockyard u lis-Servizzi Ingliżi biex jagħtu

 *ikompli f'paġna 64* 



Il-Berqa

Nru 8,734. IT-TNEJN, 22 TA' AWISSU, 1960. Jinbiegh 2d

HAMMARSKJOELD JIDDEFENDI L-IMĠIEBA TIEGĦU

Pjan ta' Sitt Punti għall-UNO fil-Kongo

ĦSARA TA' ELUF TA' LIRI FI ĦRUQ KBIR FIL-ĦAMRUN

SAL-[illegible] filgħodu it-traffiku kien għad [illegible] mhux qed jitħalla [illegible] fl-High Street fil-Ħamrun sar ħruq kbir minħabba l-biża' li n-nar jerġa' jieħu. Il-Fire-engine tal-Pulizija kienet għadha hemm għal li jista' jkun waqt li l-Maġistrat Dr. J. Debono għamel inkjesta fuq il-post.

Dak li baqa' wara li ġie mitfi n-nar — karti, kotba u affarijiet bħal dawn, kif ukoll kaxxi tal-landi tal-prizerv f'High Street, bieb ma' bieb ma' l-Istitut ta' Ċini—juri li t-telf kien kbir ħafna u jlaħħaq l-eluf tal-liri.

Il store ta' A.C. Aquilina & Company, fejn kienu jinżammu għadd kbir ta' kotba, jidher li nħaraq għal kollox u ma jista' jiġi salvat xejn minnu. Fl store ieħor fejn kien hemm kaxxi ta' l-Ovaltine kien jidher il-fdal ta' kaxxi u bottijiet maħruqa u l-ħitan suwed b'xi ħsarat. Minbarra dan kien hemm fetħa kbira fis-saqaf ikkagunata mill-injam ta' l-art u partition li waqgħu fuqu.

Disa' fire-engines qagħdu lesti, sa emxiewi l-bieraħ filgħodu. Il-fjammi reggħu bdew jheddu li se jaqbdu għal xi l-erbgħa ta' filgħodu, iżda l-Għemgħa tat-tifi tan-nar kienet pronta titfi n-nar li ġdid fi ftit ħin. Ole rrapurtat li dan il-ħruq beda fis-6.45 p.m. tas-Sibt. Il-fire-engines tal-Pulizija kienu minnufih fuq il-post. Iżda billi n-nar kien jidher li kien kbir ħafna, intbagħtet talba għall-għajnuna lid-Dockyard u s-Servizzi.

Fire-engines ta' l-R.A.F., u tad-Dockyard intbagħtu minnufih fuq il-post, waqt li folol kbar inġemgħu f'High Street biex jaraw it-tifi tan-nar. Għal sigħat sħaħ in-nar baqa' jhedded li jitferrex minħabba r-riħ li beda jonfoħ u li għamel il-biċċa xogħol tan-nies tat-tifi tan-nar aktar diffiċli. Wara ħames sigħat ta' tabbit kien għad ma rnexxilhomx jikkontrollawh.

Sar attentat biex in-nar jiġi mitfi min-naħa ta' wara tal-bini u dan irnexxa. Membri tal-Għemgħa tat-Tifi tan-Nar tal-Pulizija wettqu biċċa xogħol perikoluża meta daħlu ġod-duħħan mgħobbija gol-bini mit-twieqi. Dawn kollha li ħadu sehem fit-tifi tan-nar wettqu biċċa xogħol kbira biex ikkontrollaw in-nar.

L-Istitut ta' Ċini, li qiegħed maġenb il stores, sarlilu biss ħsara żgħira f'wieħed mill-passaġġi. It-tfal ta' l-Istitut, li huma madwar 80, beżgħu u bdew jgħajjtu u jibku meta raw li n-nar beda dejjem jikber, iżda s-Sorijiet ġew mgħarrfin li ma kien hemm ebda periklu.

In-nar hu maħsub li beda ħdejn il-kamra ta' li store li hemm taħt l-iskola tal-Gvern, mikrija mis-Sorijiet ta' Ċini.

Hamrun Fire:
DAMAGE ESTIMATED AT THOUSANDS OF POUNDS

By A Staff Reporter

Traffic was still being diverted and the Police fire-engine was standing by in case of another outbreak of fire yesterday morning while Magistrate Dr. J. Debono, Magistrate-on-duty, held an inquiry on the spot where a fire broke out on Saturday evening at Hamrun.

The evident signs of the big blaze that raged through stores of stationery and cases of tinned food in High Street, next-door to Cini's Institute, indicate a considerable loss of property worth thousands of pounds net.

Total Loss

Fire-engines from R.A.F. Ta' Qali, Safi and Dingli and from the Dockyard were rushed to the scene, while huge crowds gathered in High Street to watch proceedings. For hours the fire threatened to spread due to a fanning wind that made the fire-fighters' task more difficult.

l-għajnuna. Karozzi tat-tifi tan-nar ħarġu minn kull stazzjon li kellhom l-RAF f' Malta, bħal Ta' Qali, Ħal Safi u Ħad-Dingli ġrew għal fuq il-post.

Minkejja dawn l-inġenji kollha il-pulizija kienu qegħdin isibu diffikulta` kbira biex jikkontrollaw in-nar minħabba nuqqas ta 'water hydrants' fil-lokal. Sar attentat biex jinġieb l-ilma mill-'Admirility Stores' fil-fabbrika antika ta' Farsons li kienet taħt l-arkati ftit 'il-bogħod, iżda dan kien qiegħed joħloq xi ftit tad-dewmien li matulu n-nar kien jerġa' jitkebbes. Meta anke dan l-ilma kien wasal biex jspiċċa, il-pulizija bdew jieħdu l-ilma minn ġiebja li kien hemm fil-ġonna ta' Zammit Gardens li kienu jinstabu faċċata tat-triq, eżattament fl-isqaq kantuniera maċ-Ċentru Parrokjali.

Dan seta` jsir, wara li l-propjetarju ta' Zammit Gardens is-Sur Frans Zammit, meta ra l-gravita` tas-sitwazzjoni kien offra li jittella' l-ilma mill-ġiebja tiegħu. Is-Sur Frans Zammit kien ikkalkula li kienu ittellgħu mat-tletin elf gallun. Din l-operazzjoni kienet immexija mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien Vivian de Gray flimkien mas-Supretendent tad-distrett Ċentrali s-Sur V. Bonello.

Minħabba l-gravita` tas-sitwazzjoni, ittieħdet id-deċiżjoni li jsir attentat biex in-nar ikun jista jintefa min naħa ta' wara. Biex seta' jsir hekk, il-pulizija, b'riskju kbir għalihom kellhom jidħlu mit-twieqi ġol kmamar mimlija duħħan biex jilħqu n-nirien kbar li kien hemm ġewwa.

Fl-Istitut Adelaide Cini, dak iż-żmien kien hemm madwar 80 tifel u tifla, li meta raw in-nar daqshekk viċin bdew jippanikjaw. Ħafna mit-tfal bdew iwerżqu u jgħajtu. Dawn instemgħu minn barra u qajjem paniku fost il-folla li kien hemm barra. Iżda l-pulizija kienu ħadu ħsieb jaraw li ma kien hemm ebda periklu u kienu għarrfu b' dan lis-sorijiet li kienu qegħdin jieħdu ħsieb it-tfal.

Wara ħames sigħat sħaħ ta' ġlieda kontinwa kontra dawn in-nirien, in-nar kien għadu ma ġiex ikkontrollat. Ta' min jgħid li minkejja li dak iż-żmien il-mezzi biex jiġu kkontrollati dan it-tip ta' nirien ma kinux avvanzati daqs illum, il-pulizija kienu għamlu dak kollu li kien possibli anke b' sogru kbir għalihom.

Sadanittant folol kbar ta' nies ġrew lejn Triq San Ġużepp biex jaraw x' kien qiegħed jiġri. Il-Pulizija waqqfu żewġ barikati biex ma jħallux lin-nies tersaq viċin, l-ewwel minħabba li setgħu ikunu fil-periklu, u t-tieni minħabba li setgħu itellfu il-ħidma tal-puliżija. Dawn il-barikati saru waħda ħdejn l-ewwel arkata ta' Wignacourt min-naħa ta' Birkirkara, u min-naħa tal-Ħamrun għamlu barrikata fejn il-lum hemm il-knisja Parrokjali ta' Santa Venera.

Naħseb li min jiftakar dan il-ħruq jaqbel miegħi li kien wieħed mill-akbar nirien li qatt saru, mhux biss ġo Santa Venera iżda wkoll f'Malta

Il-ġurnali **Times of Malta** u l-Berqa ( Ritratti ) kienu irrapurtawha bi prominenza dan il-ħruq li kien sewa eluf kbar ta' liri Maltin. Wieħed jinnota li f' dawn iż-żewġ ġurnali, in-nar kien ġie rrapurtat li kien sar l-Ħamrun. Kienu għadhom żminijiet fejn il-villaġġ ta' Santa Venera kien kontinwament jissielet biex jikseb l-identità tiegħu minkejja li kien diġa` ilu tnejn u erbgħin sena parroċċa bil-konfini tiegħu.